**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 18 ta' Settembru 2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**

**Vs**

**Marcio Malard Mayer**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Marcio Malard Mayer ta' 48 sena, bin Renato u Maria Marta Malard, imwieled Rio De Janiero, nhar is-26 ta' Lulju 1976, residenti Rua Humaita 141/501 Rio De Janeiro – RJ CEP:22261-000, Brazil u detentur tal-karta tal-identita Germaniza numru L4CVW1YJZ u tal-passaport Germaniz numru C4CVHHNW u tal-passaport Braziljan numru FV197066

Akkuzat talli nhar it-18 ta' Settembru 2024 ghall-habta ta' 01:00hrs, gewwa Misrah Kastilja Valletta u/jew fil-vicinanzi:

1. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharrraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, liema hsara ma tiskorrix il-mitejn u hamsin euro (€250) u dan ghad-detriment ta' Izola Bank plc u/jew entitajiet ohra u/jew persuni ohra;

2. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, liema hsara ma tiskorrix il-mitejn u hamsin euro (€250) u dan ghad-detriment ta' Oakberry Acai u/jew entitajiet ohra u/jew persuni ohra

3. F'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, instab fis-sakra b'mod li ma jkunx jista jiehu hsieb tieghu innifsu; jew f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, ikun jidher bic-car fis-sakra u waqt li jkun f'dak l-istat, idejjaq in-nies jew jaghmel storbju

4. Offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imputat biex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

2. Semghet ix-xhieda, u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

3. Rat li fis-seduta tal-lum stess l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu.

4. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu hija ta' disa' xhur prigunerija, u li jirrifondi lill-vittmi, u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jekk iridx jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

5. Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u hu wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi mill-Qorti jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

6. Semghet trattazzjoni finali tal-partijiet dwar il-piena.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

7. Fuq ammissjoni tieghu stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu.

8. Fl-ikkalibrar tal-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u irregistra ammissjoni fl-iktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri. Ghalhekk huwa ma heliex hin u r-rizorsi tal-forzi tal-ordni u ta' din il-Qorti.

**Konkluzjoni**

9. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

(1) Wara li rat l-Artikoli 325(1)(c), 338(ff) u 338(bb) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tlett (3) xhur, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' sentejn (2), ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(2) Ai termini ta' l-Artikolu 28(H) tal-Kapitolu 9, il-Qorti qieghda tordna lill-hati, ihallas immedjatament is-somma ta' mitejn u erbghin Euro (€240) lil Izola Bank p.l.c. u is-somma ta' tlieta u sebghin Euro u sittin centezmu (€73.60) lil Oakberry Acai, rapprezentanti d-danni lilhom kagunati.

10. Ai termini ta' l-Artikoli 28A(4) u 28H(7) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha, u cioe f'kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija

fiz-zmien operattiv, u/jew jekk jonqos li jhallas lill-parti offiza l-ammont fuq preskritt fiz-zmien stipulat hawn fuq.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**